MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2012

Numru. 1435/2011

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Micallef)
vs
Josef Fenech, iben Joseph Henry, imwieled San Ġiljan fis-17 ta’ Novembru, 1972, karta ta’ l-identita numru 496672(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli matul ix-xahar ta’ Jannar, 2007 u fix-xhur ta’ qabel, matul il-ġurnata, f’dawn il-Gżejjer u cioe’ minn ġewwa l-fond Dive Systems, tas-Sliema, ikkometta serq ta’ oġġetti fosthom apparat li jintuża mid-divers, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi €2,329.37, kif ukoll bil-persuna liema serq sar għad-dannu ta’ l-aħwa Aoisio u Paul Sciberras u/jew ta’ persuni oħra;

2. talli matul ix-xahar ta’ Jannar, 2007 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, u cioe’ apparat li jintuża mid-divers, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew, xjentement b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Lulju, 2012 fejn l-imputat ammetta t-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Lulju, 2012 fejn il-parte ċivile nfurmat lill-Qorti li l-imputat kien ħallas is-somma ta’ €2,120 (dak iż-żmien Lm910) lill-parte ċivile fis-7 ta’ Frar, 2007 u għalhekk ma għandu ebda pretensjoni oħra kontra l-imputat.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ħallas dak kollu dovut ferm qabel ma ġie mressaq, il-fedina penali tiegħu netta u l-ammissjoni bikrija. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------